MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 115/2006

**Il-Pulizija**

***Versus***

**Charles Bianco**

Dan huwa appell minn sentenza li sabet lill-appellant ħati talli hedded lil ħaddieħor u għamel vjolazzjoni ta' proprjetà.
L-appellant kien mixli quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fil-5 ta' Frar 2006, għall-ħabta ta' l-10.05 *a.m.*, fi Triq is-Salib tal-Marsa, il-Marsa, quddiem il-Knisja tas-Santissima Trinità:
1. hedded u beżża' lil John Bonello u lil Dr Irene Bonello bi kliem; u
2. għamel vjolazzjoni ta' proprjetà ta' John Bonello, li qiegħda quddiem id-djar tiegħu numru 174, 176 u 178 (li qabel kienu 94, 93 u 92 rispettivament), fi Triq is-Salib tal-Marsa, il-Marsa.

Il-prosekuzzjoni kienet talbet ukoll illi l-qorti, sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' John Bonello u ta' Dr Irene Bonello, jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena jew minflok il-piena li tgħodd għar-reat torbot lill-appellant b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi fissata mill-qorti.

B'sentenza mogħtija fl-24 ta' Marzu 2006 il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellant ħati ta' l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u, wara li rat l-artt. 339(*e*) u 340(*d*) tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannatu għaxar liri (Lm10) ammenda u rabtitu b'garanzija għaż-żamma tal-bon ordni, kif irid l-art. 383 tal-Kodiċi Kriminali, għal żmien ta' sena, taħt penali ta' ħamsin lira (Lm50) fin-nuqqas.

B'rikors ta' l-appell ippreżentat fil-5 t'April 2006 l-appellant talab illi din il-qorti tħassar is-sentenza, issib li ma huwiex ħati u teħilsu minn kull ħtija u piena.

Il-fatti li wasslu għal dan il-każ seħħew hekk:

L-appellant joqgħod il-Marsa u, biex imur id-dar tiegħu, isibha komda li jgħaddi, kemm bil-mixi u kemm bil-vettura, minn rampa li hija proprjetà privata ta' John Bonello, għalkemm għandu triq oħra mnejn jista' jgħaddi jekk irid.

John Bonello talbu biex ma jgħaddix mill-proprjetà tiegħu, u wkoll qiegħed tabella li tgħid "*No entry – private property*". L-appellant iżda sar jaf illi dik it-tabella ma tqegħditx bil-permess ta' l-awtorità kompetenti, u, billi deherlu illi dan il-fatt jagħtih il-jedd illi jidħol fi proprjetà ta' ħaddieħor, kompla jgħaddi mir-rampa ta' Bonello. Fl-okkażjoni tal-5 ta' Frar 2006 li wasslet għall-każ tallum ġara illi kif John Bonello kien barra fuq ir-rampa ġie l-appellant bil-vettura u ried li jgħaddi minn hemm għalkemm Bonello kien fuq ir-rampa quddiemu. Sakemm Bonello mexa biex ma jibqax fin-nofs l-appellant ħareġ mill-karrozza u bi kliem ta' theddid qallu jwarrab min-nofs biex igħaddi hu. Dak il-ħin kien hemm ukoll bint John Bonello fil-karrozza ta' missierha parkeġġjata aktar 'l isfel fuq ir-rampa, u, għalkemm ma ratx lill-appellant joħroġ mill-karrozza tiegħu, semgħet kollox iżda beżgħet toħroġ mill-karrozza ta' missierha. John Bonello mbagħad warrab, biex l-appellant seta' jibqa' għaddej bla ma jolqtu, u dakinhar stess flimkien ma' bintu ippreżenta kwerela li wasslet għall-proċeduri tallum kontra l-appellant.

L-aggravji ta' l-appellant kontra s-sentenza li sabitu ħati huma essenzjalment tnejn:

1. għall-għanijiet ta' l-ewwel akkuża, prova tat-theddid hemm biss ix-xhieda ta' John Bonello u ta' bintu l-Avukat Irene Bonello; din ix-xhieda ma tistax toqgħod fuqha għax iż-żewġ xhieda ma jaqblux bejniethom fid-dettalji u wkoll għax John Bonello huwa "nevrasteniku" u jkabbar l-affarijiet; u

2. għall-għanijiet tat-tieni akkuża ma hemmx prova illi r-rampa hija proprjetà ta' John Bonello; anzi, hemm prova illi t-tabella li tgħid illi hija proprjetà privata u li ħadd ma seta' jidħol tqiegħdet bi ksur tal-liġi.

Din il-qorti kellha okkażjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit eċċitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu *in rebus suis*, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik ta' l-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif igħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'ġara dakinhar ta' l-allegat inċident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti biżżejjed biex ma "jikkorreġux" il-verżjonijiet biex iġibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkażjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettall fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaġa normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tiġi skartata.

Din il-qorti għalhekk, bħall-ewwel qorti, temmen illi l-imġieba u l-kliem ta' l-appellant kienu mhux biss aggressivi iżda ta' theddid ukoll, aktar u aktar meta l-appellant għamel l-arja bir-riżultat tar-riċerka tiegħu dwar l-illegalità tat-tabella li qiegħed Bonello. Fil-fatt il-qorti temmen illi kien b'pika u bi provokazzjoni illi l-appellant għażel li jgħaddi mill-proprjetà ta' Bonello. Għalhekk aktar temmen il-verżjoni ta' Bonello milli dik ta' l-appellant.

Dwar it-tieni aggravju, il-qorti tosserva illi d-dokumenti pubbliċi esebiti fil-proċess juru illi tassew illi r-rampa hija proprjetà privata u li l-appellant ma kellu ebda jedd igħaddi minnha.  L-appellant dan kien jafu, għax hemm tabella li tgħid illi l-proprjetà hija privata.  Il-fatt illi t-tabella kienet hemm mingħajr approvazzjoni ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta ma jibdilx il-fatt illi l-proprjetà kienet privata.
Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti ma tara ebda raġuni għala għandha tħassar jew tibdel is-sentenza li minnha sar l-appell u għalhekk tiċħad l-appell u twettaq f'kollox is-sentenza appellata.
Tordna wkoll illi tintbagħat kopja ta' din is-sentenza lill-ewwel qorti kif irid l-art. 428(8) tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------